MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 296/15LM

**Doerthe Stephanie Rieks (K.I. 0064320A)**

***vs.***

**Peter Rieks (Passaport Ġermaniż 3564078265)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 mill-attriċi **Doerthe Stephanie Rieks** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), li jgħid kif ġej:

(1) *Illi fis-17 ta' Diċembru, 2004 ir-rikorrenti Doerthe Stephanie Rieks u l-intimat Peter Rieks, it-tnejn ta' Nazzjonalità Ġermaniża, iżżewwġu f'Hildesheim il-Ġermanja. Ix-xogħol ta' Peter Rieks jikkonsisti billi jaħdem bħala manager f'Hotels appartenenti lill-franchise "Maritim Hotel" grupp ta' albergi. Peter Rieks ġie stazzjonat hawn Malta f'Jannar 2005 u Doerthe Stephanie Rieks telqet ix-xogħol tagħha fil-Ġermanja u ġiet Malta fid-29 ta' Diċembru, 2005. Huma*

*għexu flimkien sa Marzu 2012 meta Peter Rieks qal illi ma riedx illi jibqgħu jgħixu flimkien iżjed u Doerthe Stephanie Rieks imbagħad ħarġet minn fejn kienu joqgħodu. Minn dakinhar sal-lum għixu separatament;*

*(2) F'Mejju 2011 fuq is-suġġeriment ta' Peter Rieks, Doerthe Stephanie Rieks kienet – kontra ċertu konsiderazzjonijiet li kellha – daħlet f'joint venture kummerċjali miegħu fejn ipprovdietlu s-somma ta' €70,000 li hija kienet wirtet, sabiex flimkien jixtru proprjetà immobbli f'Malta. Ix-xiri ma kienx sar, u proċeduri jeżistu kontra s-suppost bejjiegħa li ġew imħallsa din is-somma u fil-fatt ukoll ġew imħallsa somom oħra;*

*(3) Ir-rikorrenti Doerthe Stephanie Rieks talbet li din is-somma ta' €70,000 tiġi rimborżata lilha minn Peter Rieks. Peter Rieks aċċetta; u sa Jannar 2014 Peter Rieks kien ġa ħallas akkont is-somma ta' €47,200 li jħalli bilanċ għalhekk ta' €22,800 li kellhom jiġu mħallsa b'rati ta' €900 kull pagament, pagabbli fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar mill-perjodu Marzu 2014 sa Frar 2016 (iż-żewġ xhur inklużi), kif jidher mill-kronoloġija ta' fatti (Dok A)[1]; mill-aċċettazzjoni da parti ta' Peter Rieks datat 23 t'Awwissu, 2012 (Dok B)[2]; rendikont ta' ħlas magħmul, bl-ammonti dovuti (Dok Ċ);[3]*

*(4) Illi mis-suespost jirriżulta li Doerthe Stephanie Rieks hija kreditriċi ta' Peter Rieks fl-ammont totali ta' €22,800, u Peter Rieks m'onorax il-ħlasijiet ta' tlettax (13)-il skadenza, kull waħda ta' €900, li ġew dovuti mill-perijodu Marzu 2014 sa Marzu 2015, għalhekk total ta' €11,700.*

*Jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija m'għandhiex:*

*(1) Tiddikjara illi Peter Rieks huwa debitur ta' Doerthe Stephanie Rieks;*

*(2) Tiddikjara li minn din is-somma Peter Rieks kellu jħallas pagamenti mensili ta' €900, liema pagamenti ġew dovuti fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar mill-perjodu ta' Marzu 2014 u sussegwenti;*

---

[1] *A fol.* 9 u 10.
[2] *A fol.* 11 u 12.
[3] *A fol.* 13.

*(3) Tikkundanna lil Peter Rieks iħallas lil Doerthe Stephanie Rieks is-somma ta' €11,700 rappreżentanti tlettax (13)-il skadenza ta' €900 kull waħda, li sal-lum ġew dovuti i.e. għall-perjodu Marzu 2014 sa Marzu 2015 iż-żewġ xhur inklużi.*

*Bl-imgħaxijiet ta' 8% dovuti mid-data meta l-iskadenzi ġew dovuti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Diċembru, 2014 kontra Peter Rieks.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Peter Rieks** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), ippreżentata fit-30 ta' April, 2015, li biha eċċepixxa:

*(1) Preliminarjament, din hija azzjoni bejn żewġ miżżewwġin, u għalhekk l-azzjoni per se hija insostenibbli peress li għajr kawża ta' separazzjoni l-miżżewwġin ma jistgħux jagħmlu kawżi kontra xulxin speċjalment sabiex wieħed minnhom jiġi ddikjarat kreditur tal-ieħor u dana peress illi:*

*(i) il-partijiet għandhom il-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejniethom u dana kif jipprovdi l-Artikolu 1316(2) tal-Kapitolu 16 et seq;*

*(ii) Għadhom sal-lum mhux separati;*

*(2) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-flejjes li l-attriċi qiegħda titlob mingħand l-esponenti għaddew għand terzi, u hija għandha dritt tiġborhom mingħand it-terzi u mhux mingħand l-esponenti;*

*(3) Illi jrid isir il-kjamat in kawża tat-terz li għandu għaddew il-flus inkwistjoni;*

*(4) Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawża;*

*(5) Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli bil-liġi.*

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2015[4] fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawża bil-produzzjoni tal-provi fil-mertu.

[4] *A fol.* 48 sa 54 tal-proċess.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 15 ta’ Frar, 2016 għas-sejħa fil-kawża tal-konjuġi Jason u Sueanne Vella stante li huma dawn it-tnejn min-nies li pperċipew mill-fondi li l-attriċi qiegħda tippretendi mill-konvenut żewġha u stante li kif jirriżulta mill-konvenju datat 15 ta’ Marzu, 2011, huma kienu l-persuni li ħadu l-flus imsemmija fir-Rikors Maħluf u mhux il-konvenut.

Rat id-digriet tagħha datata 20 ta’ Ġunju, 2016[5] fejn ċaħdet it-talba għas-sejħa fil-kawża tal-konjuġi Jason u Sueanne Vella stante li l-kawżali f’din il-kawża huwa biss il-ftehim bejn l-attriċi u żewġha l-konvenut għar-restituzzjoni lill-attriċi ta’ flus mill-beni parafernali tagħha u tali ftehim mhu parti ħadd fih ħliefhom u mhu ser jibbenefika jew jiġi ppreġudikat ebda terz u m’hemm ebda utilità għas-sejħa fil-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta’ Ottubru, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

[5] *A fol.* 74 sa 76.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attriċi qiegħda titlob lill-konvenut jirrestitwilha s-somma ta' €11,700, bilanċ minn somma akbar ta' €70,000 li l-attriċi kienet ħarġet mill-beni parafernali tagħha u pprovdithom lil żewġha l-konvenut, biex jixtru proprjetà immobbli *f'joint venture* kummerċjali, u l-konvenut kien obbliga ruħu permezz ta' skrittura privata li jirrestitwixxi l-imsemmija somma lill-attriċi. Sussegwentement il-konvenut kien aċċetta li jħallas lura l-bilanċ lill-attriċi b'rati mensili ta' €900 fil-bidu ta' kull xahar. Il-konvenut kien diġà ħallas akkont is-somma ta' €47,200 meta waqaf iħallas il-pagamenti akkont u baqa' għalhekk il-bilanċ ta' €22,800. Madankollu f'din il-kawża qed jintalab il-ħlas tas-somma ta' €11,700 u ċjoè tlettax-il pagamenti mensili ta' €900 il-wieħed li ma ġewx onorati mill-konvenut fil-perjodu bejn Marzu 2014 sa Marzu 2015 meta nfetħet din il-kawża.

Il-konvenut eċċepixxa preliminarjament l-insostenibbilità tal-azzjoni bejn il-konjuġi jekk ma ssirx f'kawża ta' separazzjoni, liema eċċezzjoni ġiet miċħuda b'sentenza tat-3 ta' Diċembru, 2015. Anki t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut ġiet miċħuda bid-digriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2016. Dak li jifdal għalhekk x'jiġi deċiż huwa l-mertu nnifsu, jekk il-konvenut huwiex debitur tal-attriċi fis-somma ta' €11,700 u ċjoè tlettax-il pagamenti mensili ta' €900 il-wieħed li ma ġewx onorati mill-konvenut fil-perjodu bejn Marzu 2014 u Marzu 2015 bl-imgħax ta' tmienja fil-mija mid-data tal-iskadenza ta' kull pagament.

## Provi u riżultanzi

L-attriċi, **Doerthe Stephanie Rieks** flimikien mar-Rikors Maħluf tagħha ppreżentat kronoliġija tal-fatti[6] fejn tispjega li wara li kienet talbet il-ħlas lura tas-somma ta' €70,000 mingħand żewġha il-konvenut, fit-13 ta' Awwissu, 2010 huwa kien aċċetta li jħallasha lura din is-somma, tant hu hekk fit-23 ta' Awwissu, 2012 iffirma skrittura privata bil-Ġermaniż, li tradotta għall-Ingliż kienet tgħid:

> *"Herewith I Peter Rieks confirm that by the 30th. September 2012 I will pay €70,000 to Doerthe Rieks".*[7]

Fl-istess kronoloġija ta' fatti jingħad li saru ħlasijiet mill-konvenut lill-attriċi fit-2 ta' Novembru, 2012 u fit-30 ta' Novembru, 2012 ta' €38,000 u €2,000 rispettivament u tissemma wkoll il-korrispondenza bejn il-partijiet fejn permezz ta' skambju ta' *e-mails* bejnithom, dawn waslu għall-arranġament li l-konvenut kellu jħallas il-bilanċ li kien għad fadal ta' €30,000 permezz ta' pagamenti mensili ta' €900 il-wieħed li kellhom jitħallsu fil-bidu ta' kull xahar.[8] Il-konvenut onora dan il-ftehim bejn l-1 ta' Lulju, 2013 sal-1 ta' Frar, 2014[9], imma mbagħad ma baqax iħallas dawn il-pagamenti ta' kull xahar skont kif kien ġie miftiehem mill-partijiet. Il-bilanċ rimanenti huwa ta' €22,800, iżda l-ammont dovut sakemm ġiet ippreżentata din il-kawża kien ta' €11,700 u ċjoè tlettax (13)-il pagament ta' €900 il-wieħed.

---

[6] *A fol.* 9 sa 10.
[7] *A fol.* 11.
[8] Ara skambju ta' *e-mails* bejn il-partijiet, *a fol.* 12
[9] Ara skeda ta' ħlasijiet li saru, *a fol.* 13.

Meta xehed il-konvenut **Peter Rieks** in subizzjoni[10], ikkonferma l-iskrittura li kien iffirma fit-23 ta' Awwissu, 2012 u qal li għalkemm ma kellux l-ammont eżatt, kien ħallas lill-attriċi madwar €48,000 jew €49,000 mis-somma mwiegħda ta' €70,000. Il-konvenut jgħid li peress li Jason Vella kien wiegħed li ser jirrestitwixxi l-flus li kienu ħallsuh, hu ħadha fuqu li lill-attriċi jħallasha lura l-ammont kollu li kellha tieħu. Il-konvenut spjega l-korrispondenza bl-*email* bil-Ġermaniż *a fol.* 12 tal-proċess, fejn ammetta li hu stess kien ħareġ bis-suġġeriment li l-kumplament li kien fadal xi jħallas lill-attriċi, kellu jagħtihomlha permezz ta' pagamenti mensili ta' €900 il-wieħed. Meta kien muri l-i*statement a fol.* 13 tal-proċess, il-konvenut ma setax jikkonfermah bl-eżatt għax qal li kellu jivverifika mal-bank tiegħu x'kien diġà ħallas.

Meta xehed in eżami, il-konvenut Peter Rieks qal[11] li l-*managing director* tiegħu, Adrian Buttigieg u xi soċji oħra tiegħu, kienu offrew lilu u lil martu l-attriċi, biex jixtru appartament li dwaru kienu daħlu f'konvenju. Il-konvenut u l-attriċi qablu dwar dan l-appartament u dwar il-prezz u qablu wkoll li kellu jsir depożitu ta' €80,000, bl-attriċi toħroġ €70,000 u l-konvenut joħroġ €10,000. Meta ġie ffirmat il-ftehim bejn il-konvenut u l-attriċi fuq naħa u Jason u Sueanne Vella min-naħa l-oħra[12], id-depożitu ta' €80,000 akkont tal-prezz tħalla f'idejn in-nutar Dr Jonathan Vella. Il-konvenut jgħid li l-kuntratt finali kellu jiġi ffirmat madwar tliet xhur wara għall-prezz totali ta' €160,000. Iżda meta kienet qed toqrob id-data tal-kuntratt finali, in-nutar Vella qalilhom li sar jaf li preċedentement Jason Vella kien diġà daħal f'konvenju ieħor ma' terzi dwar l-istess appartament. Il-konvenut talab lura d-depożitu imma Jason Vella qallu li ma kienx f'pożizzjoni li jħallsu lura dawk il-flus. Il-konvenut jgħid li hu

[10] *A fol.* 78 u 79.
[11] *A fol.* 83 sa 90.
[12] *A fol.* 58 sa 63.

jassumi li n-nutar kien għadda l-flus tad-depożitu lil Jason Vella, imma ma jafx jgħid eżattament x'kien ġara. Il-konvenut jgħid li Jason Vella kien investa dawn il-flus u kellu problemi kbar, iżda dejjem kien iwegħdu li se jagħtih l-flus lura, u kien jgħidlu li kellu appartamenti oħrajn għall-bejgħ u seta' jħallsu lura. Il-konvenut jistqarr li hu kien emmen lil Jason Vella u għalhekk ftiehem mal-attriċi li jagħtiha lura s-€70,000 huwa stess peress li kien issepara *de facto* minn magħha. Peter Rieks jgħid li peress li l-attriċi kienet qaltlu li dawn kienu flus ġejjin mill-wirt ta' ommha u kienu r-*retirement savings* tagħha, kien tħassarha u wegħedha li jħallasha lura b'pagamenti mensili. Il-konvenut jgħid li kien ħa self biex ħallasha l-flus li kien diġà għaddielha u dan mir-*retirement savings* tiegħu fil-Ġermanja. Dwar Jason Vella il-konvenut jgħid li għandu kawża għaddejja kontrih u hemm bejgħ ġudizzjarju pendenti, però qal li qablu kien hemm kredituri oħrajn bħall-bank. Peter Rieks jgħid ukoll li dan l-aħħar kien in kuntatt ma' Jason Vella u dan offrielu appartament ieħor u hu u Adrian Buttigieg qed jivverifikaw jekk hemmx kollox regolari.

Xehed ukoll **Adrian Buttigieg**[13] li spjega li l-konvenut hu l-*general manager* tal-*hotel* tagħhom. Ix-xhud jgħid li hu u xi nies oħra kienu xtraw appartament il-Mellieħa *on plan* u wara kienu ftiehmu li jassenjaw id-drittijiet tagħhom naxxenti mill-konvenju lill-konjuġi Rieks. Buttigieg jgħid li meta saret l-assenjazzjoni, il-konjuġi Rieks għaddew €80,000 lilu u lill-*partner* tiegħu Marcelle, u dawn għaddewhom lil Jason Vella. Ix-xhud jgħid li kienu reġgħu ltaqgħu quddiem in-nutar meta saru jafu li Jason Vella kien daħal f'konvenju ma' ħaddieħor dwar l-istess proprjetà. Ix-xhud jgħid li huma wkoll qed jippruvaw jirkupraw flushom lura mingħand Jason Vella għax huma kienu ħallsu l-prezz kollu tal-appartament. Buttigieg jgħid li fiż-żewġ okkażjonjiet li

[13] *A fol.* 94 sa 97.

ltaqgħu quddiem in-nutar, huwa ċert li fl-ewwel okkażjoni, meta saret l-assenjazzjoni tad-drittijiet, l-attriċi kienet preżenti u probabbilment kienet preżenti wkoll it-tieni darba.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Jirriżulta mill-atti li l-attriċi u l-konvenut kienu ddeċidew li jixtru appartament il-Mellieħa, u dan skont l-attriċi mhux kontradetta, bħala *joint-venture* kummerċjali bejniethom. Mill-provi esebiti in atti hemm daqsxejn tal-konfużjoni dwar min effettivament kienu l-partijiet fuq il-konvenju rigward l-appartament fil-Mellieħa u min kien li assenja d-drittijiet naxxenti minn dan il-konvenju lill-konjuġi Rieks. Fil-fatt ma ġietx ippreżentata kopja sħiħa ta' dan il-konvenju, imma biss elenku tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-konvenju bħala dokument anness mal-iskrittura ta' assenjazzjoni ta' drittijiet datata 9 ta' April, 2011. Fix-xhieda tagħhom kemm-il konvenut Peter Rieks u kif ukoll ix-xhud Adrian Buttigieg jgħidu li d-drittijiet naxxenti mill-konvenju ġew assenjati lill-konjuġi Rieks minn Adrian Buttigieg u l-*partner* tiegħu u l-vendituri prospettivi skont il-konvenju kienu Jason u Sueanne konjuġi Vella. Madankollu skont il-kopja tal-iskrittura ta' assenjazzjoni ta' drittijiet datata 9 ta' April, 2011 prodotta mill-konvenut Peter Rieks[14], l-assenjazzjoni tad-drittijiet naxxenti mill-konvenju kienet saret minn Jason u Sueanne konjuġi Vella lill-konjuġi Rieks, u Adrian Buttigieg ma kienx jikkonfigura f'din l-iskrittura ta' assenjazzjoni. Ma' din l-assenjazzjoni kien tħallas depożitu ta' €80,000, bl-attriċi toħroġ is-somma ta' €70,000 li kienu ġejjin mill-wirt ta' ommha u l-

[14] *A fol.* 59 sa 61.

konvenut ħareġ €10,000. Mill-atti ma jirriżultax lanqas li hemm kontestazzjoni dwar l-provenzjenza tal-imsemmija somma ta' €70,000, li l-attriċi tgħid li kienu ġejjin mill-wirt ta' ommha. Sussegwentement inqalgħu diversi problemi għax il-kuntratt finali ma setax isir għax skont Peter Rieks u Adrian Buttigieg, preċedentement għall-ftehim tad-9 ta' April, 2011, Jason Vella kien diġà għamel konvenju ma' ħaddieħor dwar l-istess appartament u baqa' ma irrestitwiex lura l-flus li kienu tħallsu mill-konjuġi Rieks bħala depożitu.

Wara li l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut ġew miċħuda, kulma fadal x'jiġi stabbilit huwa jekk l-ammont reklamat mill-attriċi huwiex dovut mill-konvenut. Din il-Qorti fid-digriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2016 kienet ċaħdet it-talba tal-konvenut għas-sejħa fil-kawża ta' Jason u Sueanne konjuġi Vella[15] stante li l-kawżali f'din il-kawża huwa l-ftehim bejn il-konjuġi Rieks u dan il-ftehim ma jibbenefika lil ħadd ħlief lill-attriċi u ma jippreġudika lil ħadd ħlief lill-konvenut, u dan għax kif ingħad fl-imsemmi digriet (i) l-obbligazzjonijiet li jikkonstitwixxu l-oġġett tal-ġudizzju ma jridux jiġu konfużi ma' dawk ir-rapporti li Jason Vella jew l-konjuġi Vella jista' jkollhom mal-ħaġa indipendentement mid-dritt kontrovers; (ii) m'hemmx ħtieġa tat-terz Jason Vella jew l-konjuġi Vella biex il-ġudizzju ikun integru; (iii) it-terz Jason Vella jew il-konjuġi Vella ma għandhomx interess fl-eżitu ta' din il-kawża u (iv) bis-sejħa fil-kawża tal-konjuġi Vella lanqas ser jiġu ffrankati litiġji.

Tqis illi l-provi prodotti mill-konvenut kienu ċċentrati għalkollox fuq kif kien oriġina inizjalment id-debitu mertu ta' din il-kawża u dan fil-fatt hu rifless fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenut fejn eċċepixxa li l-flejjes li l-attriċi qed titlob kienu

[15] *A fol.* 74 sa 76.

għaddew għand terz u l-attriċi għandha dritt tiġbor il-flejjes mingħand dan it-terz. Biss però bl-assunzjoni tad-debitu li għamel il-konvenut favur l-attriċi meta obbliga ruħu li jħallasha hu direttament is-somma li kienet ġiet depożitata minnha, kien x'kien l-oriġini ta' dan id-debitu inizjalment, dan huwa għalkollox irrilevanti għall-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża jekk is-somma reklamata mill-attriċi hijiex dovuta mill-konvenut. Kien x'kien fil-bidu l-oriġini tad-debitu, il-partijiet ftiehmu kif dan kellu jitħallas mill-konvenut lill-attriċi u l-ftehim milħuq nizżluh bil-kitba u, għalhekk, ir-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet għandhom jiġu regolati b'dik il-kitba. Ma sar ebda tentattiv da parti tal-konvenut biex jitlob li dik il-kitba tiġi invalidata fuq bazi ta' vizzju ta' kunsens, u għalhekk fuq il-bażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda*, il-konvenut irid jonora dak li obbliga ruħu għalih fl-imsemmija skrittura.[16] Il-konvenut tabilħaqq seta' kien taħt l-impressjoni li kien ser ikun ferm aktar faċli milli fil-fatt kien biex jirkupra mingħand Jason Vella d-depożitu mħallas minnu u mill-attriċi bil-wegħdiet li dan beda jagħmillu, imma f'dakollu żgur ma jiċċentra l-ebda qerq jew aġir illegittimu da parti tal-attriċi. Anzi l-konvenut fix-xhieda tiegħu jammetti li kien tħassar lill-attriċi li kienet ħarġet dawn il-flus li kienet wirtet mingħand ommha u li kienet qed tippjana li tuża għal meta tirtira. Kien proprju għalhekk li l-konvenut obbliga ruħu fl-ewwel lok li jirrestitwixxi s-somma inkwistjoni sa ċerta data u mbagħad kien hemm novazzjoni ta' din l-obbligazzjoni meta l-konvenut obbliga ruħu li jħallas lura lill-attriċi l-bilanċ rimanenti permezz ta' pagamenti ta' €900 fix-xahar. Fl-aħħar mill-aħħar kien dan l-arraġament kuntrattwali viġenti bejn il-partijiet f'din il-kawża. Din ir-rabta kuntrattwali li l-konvenut fix-xhieda tiegħu jammetti li daħal fiha mal-attriċi, ma kienet bl-ebda mod soġġetta għall-kundizzjoni li l-konvenut jirkupra dawn il-flus mingħand Jason Vella. Fir-rigward tal-attriċi kien hemm l-

[16] Ara f'dan is-sens **John Zahra et vs. Silvio Domenico Smith**, P.A., 14.11.2002.

obbligazzjoni inkundizzjonata da parti tal-konvenut li kellu jħallas lilha direttament il-bilanċ rimanenti permezz ta' pagamenti mensili ta' €900 il-wieħed. Kienu jew ma kinux realistiċi l-aspettattivi tal-konvenut rigward il-possibilità ta' rifużjoni da parti ta' Jason Vella, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-ftehim bejn il-konvenut u l-attriċi bħala kundizzjoni sospensiva jew riżoluttiva.

Tqis illi l-attriċi ppruvat sal-grad li trid il-liġi l-obbligazzjoni li assuma l-konvenut a favur tagħha u li l-konvenut kien fil-fatt beda jonora. L-ewwel billi fit-2 ta' Novembru, 2012 u fit-30 ta' Novembru, 2012 il-konvenut ħallas lill-attriċi pagamenti ta' €38,000 u €2,000 rispettivament. Imbagħad bejn l-1 ta' Lulju, 2013 u l-1 ta' Frar, 2014 il-konvenut effettwa għadd ta' pagamenti mensili ta' €900 il-wieħed skont il-ftehim li kellu mal-attriċi, imbagħad waqaf milli jkompli jagħmel dan. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu tista' tgħid jaqbel mal-attriċi dwar is-somma diġà mħallsa minnu, però jgħid li kellu jivverifika mal-bank biex jara kemm eżattament ħallas, xi ħaġa li baqa' ma għamilx. Fi kwalunkwe każ kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova ħlasijiet ulterjuri jekk saru min-naħa tiegħu, xi ħaġa li ma għamilx lanqas. Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Malcolm Pace *vs.* Karl Azzopardi *pro et noe et***[17] jingħad is-segwenti:

> "Issa huwa minnu illi fil-kors ordinarju tal-proċess min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah - *"la prova del pagamento è a peso del convenuto che lo allega"* – ara **Azzopardi *vs.* Cutajar**, PA 30.06.1982, u l-ġurisprudenza hemm kwotata. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Cassar *vs.* Agius**, deċiża fis-7 ta' Lulju, 1924, qalet li l-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi risolut favur l-attur (ara wkoll **Seychell *vs.* Gabriele**,

[17] P.A., 14.10.2014.

> PA 29.07.1982; **Satariano *vs.* Saliba**, PA 01.10.1982; **Scicluna *vs.* Mizzi**, Qorti tal-Kummerċ 28.03.1988; u **Scicluna *vs.* Cutajar**, PA 30.06.2000);
>
> Biex jagħmel din il-prova l-konvenut mhux neċessarjament għandu jipproduċi riċevuti. Provi oħra konvinċenti jibbastaw skond iċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ li jkun, kif emerġenti mir-riżultanzi proċesswali (**Avv. J. Buttigieg *noe vs.* Jos. Portelli *noe***, App Kum 26.01.1976; **Joe Chetcuti *noe vs.* Joseph Pearson *et noe***, App 05.10.1998). Kif professat fis-sentenza riportata **Vol. XLIII.ii.624**, "il-pagament jista' jiġi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jiġifieri bi provi diretti, bħal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bħal ma huma l-preżunzjonijiet u l-indizji kapaċi li jikkonvinċu lill-ġudikant."."

Illi għar-rigward tal-imgħax mid-data meta kull pagament sar dovut kif qed titlob l-attriċi fir-Rikors Maħluf, jirriżulta li għall-attriċi x-xiri ta' dan l-appartament kellu jkun *joint-venture* kummerċjali mal-attur. Veru li dan ma ġiex ikkontestat mill-konvenut, però l-obbligu li assuma l-konvenut li jħallas lura dan id-dejn lill-attriċi, ċertament ma kienx parti minn dan il-'*joint-venture* kummerċjali' u lanqas m'għandu jitqies bħala obbligazzjoni kummerċjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Renato Ellul *et vs.* Emmanuel Delicata *nomine*** jingħad[18]:

> "Il-posizzjoni legali hija regolata bis-sub-titolu IV tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili u ċjoè dak li jitkellem "**Fuq l-effetti tal-Obbligazzjonijiet.**" Rilevanti għad-dibattitu preżenti huma l-artikoli 1139, 1141 u 1142 tal-Kap. 16.
>
> L-artikolu 1139 jgħid hekk: "Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-

[18] Q.A., 30.05.2003.

esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."

L-artikolu 1141 jgħid hekk: "(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ***ipso jure***, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita." Fis-subinċiż (2) tal-istess artikolu jingħad iżda li "F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak inhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."

*Omissis....;*

**Dwar minn meta jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet.**

Skont l-artikolu 1139 fuq riprodott, l-imgħaxijiet li għandhom jitħallsu minħabba d-dewmin fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni huma kunsidrati bħala "danni" li, skond l-artikolu 1140 huma dejjem dovuti mingħajr "ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf." Dan stabbilit il-liġi tkompli billi, għal dak li jirrigwarda meta dawn id-danni jibdew jiddekorru kontra l-obbligat, tagħmel distinzjoni bejn obbligazzjonijiet ta' natura kummerċjali, fejn l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija jibdew jiddekorru immedjatament minn meta l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita, u dan indipendentement minn kwalunkwe interpellazzjoni uffiċjali jew att ġudizzjarju; u dawk l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha – mhux ta' natura kummerċjali – meta l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru minn dak in-nhar "illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju."

Ma hemmx dubbju li l-obbligazzjoni mertu tal-kawża odjerna m'hijiex ta' natura kummerċjali. Isegwi li l-imgħaxijiet jistgħu biss jibdew jgħaddu mid-data ta' meta ġie presentat l-"att ġudizzjarju" u mhux qabel. Sa hawn forsi l-aggravju tal-appellant jista' jkun ġustifikat nkwantu l-ewwel qorti ma kkunsidratx dan l-aspett tas-subinċiż (2) ta' l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 billi akkordat imgħax biss mid-data tas-sentenza u mhux minn Jannar 1983 meta effettivament ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni odjerna."

Filwaqt li fis-sentenza preċitata l-imgħax ġie stabbilit mid-data tas-sentenza peress li l-ammont dovut ma kienx determinat u huwa prinċipju assodat fil-

ġurisprudenza nostrana li *"in liquidandis non fit mora",* fil-kawża odjerna l-ammont kien determinat. Minkejja li fit-talba tal-attriċi għall-ispejjeż tissemma wkoll ittra uffiċjali tas-16 ta' Diċembru, 2014, ma nġabet ebda prova ta' din l-ittra uffiċjali u lanqas biss issemmiet mill-attriċi fil-kronoloġija dettaljata tal-fatti *a fol.* 9 u 10 tal-proċess. Għalhekk din ma tistax tiġi kkunsidrata la għall-finijiet tat-talba għall-ispejjeż u lanqas biex tiġi stabbilita d-data minn meta jibda jiddekorri l-imgħax fuq is-sorte.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Peter Rieks li mhumiex diġà deċiżi bis-sentenza *in parte* tat-3 ta' Diċembru, 2015 u bid-digriet tal-20 ta' Ġunju, 2016;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attriċi;**

**3. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tiddikjara li l-konvenut ma ħallasx il-pagamenti mensili ta' €900 kull wieħed skont dak li obbliga ruħu l-konvenut għall-perjodu Marzu 2014 sa Marzu 2015, iż-żewġ xhur inklużi;**

**4. Tikkundanna lill-konvenut Peter Rieks iħallas lill-attriċi Doerthe Stephanie Rieks is-somma ta' ħdax-il elf u seba' mitt Euro (€11,700)**

**rappreżentanti tlettax (13)-il pagament ta’ €900 kull wieħed, li huma dovuti għall-perjodu Marzu 2014 sa Marzu 2015, iż-żewġ xhur inklużi.**

**Bl-imgħax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) mill-preżentata tar-Rikors Maħluf, u ċjoè mis-27 ta’ Marzu, 2015 sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra l-konvenut.**

Moqrija.